# TLIET ARLOĠĠI

*Ta'* MARY MEYLAK

Jiena għandi tliet arloġġi,
Ma nagħtihom ħabel qatt,
Kollha jaħdmu, m'humiex rari
Għax minn dawn għandu kulħadd.

Arloġġ qalbi jerda' 'l demmi,
Daqs li kieku kien xiropp,
Halli mbagħ'd jiflaħ iħabbat
U jimmarka 'l min inħobb.

Għandi wkoll arloġġ itektek,
Ġewwa moħħi, sew fuq nagħsi,
Jikkontrolla ħsebijieti
Illi jħewdnu ġewwa rasi.

Għandi wkoll arloġġ ta' l-id,
Bħall-arloġġ li għandu r-re,
Fil-polz qiegħed, jimmarkali
Għandix deni nkella le.

Kollha jtektku, kollha jħabbtu,
Sejrin dejjem lejl u nhar,
Jieqfu xħin ma jkollix bżonnhom,
Meta mmut jien : Dak in-nhar!